MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2014

Mandat Numru. 390/2014/1

Francis **BARBARA** u Josephine Barbara

vs

Carmelo *sive* Charles **BARBARA** u Josephine Barbara

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-10 ta' Marzu 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti talbu li l-Qorti żżomm lill-intimati, jew lil min minnhom, milli "jfixklu jew iwaqqfu l-ġestjoni tan-negozju operat bl-isem ta' '*Country Style*' li jinsab fi Pretty Bay, Saint Edward Street, Birzebbugia" u li b'hekk "tinibixxi lill-intimati milli unilateralment u arbitrarjament jieħdu deċiżjonijiet li b'xi mod jippreġudikaw il-ġestjoni tan-negozju li jġib l-isem ta' '*Country Style*' u li jinsab fi Pretty Bay, Saint Edward Street, Birzebbugia";

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Marzu, 2014, li bih laqgħet it-talba b'mod provviżorju, ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien għaxart ijiem għat-Tweġiba, u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tat-3 ta' April, 2014;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' April, 2014, fuq talba magħmula mill-għaref difensur tar-rikorrenti waqt is-smigħ ta' dak inhar li bih ordnat biex in-notifika ssir wara l-ħinijiet legali u, f'każ ta' nuqqas, għall-finijiet tal-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-intimati laqgħu n-notifika tal-atti tar-rikors fil-25 ta' April, 2014;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fil-5 ta' Mejju, 2014, li biha laqgħu għat-talba tar-rikorrenti billi qalu li la jeżistu l-elementi maħsuba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat mitlub u lanqas ir-raġunijiet li jiġġustifikaw dak mitlub mill-istess rikorrenti, minbarra l-fatt li, skond huma, t-talba timmira li żżomm ħaġa li diġa' ġrat. Fuq kollox, li kieku l-Qorti kellha tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat, ir-rikorrenti ma għandhom l-ebda azzjoni x'jieħdu biex iħarsu xi jedd mad-daqqa t'għajn għaliex huma "qegħdin jitolbu rimedju minn ħwejjeġ astratti u suġġettivi u addirittura qegħdin jitolbu li l-esponenti joqogħdu lura milli jieħdu deċiżjonijiet dwar l-affarijiet tagħhom";

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-intimati;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta’ Mejju, 2014, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrenti jridu jżommu lill-intimati milli b’xi mod ifixklu jew iwaqqfu t-tmexxija ta’ negozju li huma għandhom ilkoll flimkien fi stabiliment kummerċjali jew milli jieħdu waħedhom xi deċiżjonijiet li jistgħu jkunu ta’ ħsara għall-istess negozju;

Tqis li r-rikorrent Francis Barbara u l-intimat Charles Barbara huma aħwa;

Tqis li f’April tal-2010[1], r-rikorrenti Francis u Josephine miżżewġin Barbara kisbu f’isimhom self għas-somma ta’ tlieta u disgħin elf euro (€ 93,000) minn bank kummerċjali bir-rabta li jwettqu l-ħlasijiet miftehma kull xahar. Din il-faċilita’ nħarġet biex ikunu jistgħu jinkisbu sittax fil-mija (16%) tal-ishma f’kumpannija privata u s-sehem ta’ terz ($^{1}/_{3}$) tal-proprjeta’ tal-ħanut bl-isem ta’ “*Country Style*”, li jinsab fil-Bajja s-Sabiħa,

[1] Dokti “FB3” u “FB6”, f’paġġ. 13 – 4 u 48 – 51 tal-atti

f'Birżebbuġia. Iż-żmien tal-ħlas lura tal-imsemmija somma ttawwal f'April tal-2013[2], sa Mejju tal-2018;

Tqis li bis-saħħa ta' kitba li saret fi Frar tal-2011[3], l-imsemmija aħwa Barbara u n-nisa rispettivi tagħhom waqqfu soċjeta' ċivili bil-għan li, bis-saħħa tagħha u għal żmien indefinit b'seħħ mill-ewwel (1) ta' Marzu ta' dik l-istess sena, jmexxu ħanut f'Birżebbuġia maħsub li jservi fil-qasam tal-ikel;

Tqis li bis-saħħa ta' dak l-arranġament, il-partijiet kellhom jidħlu għall-infieq u piżijiet f'ishma ndaqs u l-istess kien jgħodd għall-qsim tal-qligħ nett;

Tqis li l-imsemmi ftehim kien jagħti lil kull waħda mis-soċji l-jedd li jinħallu mir-rabta meta jridu, sakemm jingħata lill-parti l-oħra avviż ta' sitt (6) xhur minn qabel;

Tqis li r-rikorrent jaqla' l-paga tiegħu mill-imsemmi negozju[4];

Tqis li l-intimati qatgħuha li ma jibqgħux marbuta aktar bl-imsemmi ftehim, u bagħtu jgħarrfu b'dan lir-rikorrenti permezz ta' ittra uffiċjali tas-7 ta' Jannar, 2014[5]. Fiha talbu lir-rikorrenti jersqu għall-ftehim tal-ħall tal-istess soċjeta' u biex isiru l-kontijiet tal-attivita' kummerċjali;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli li tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[6];

---

[2] Dok "FB4", f'paġġ. 15 – 6 tal-atti
[3] Dok "FB1", f'paġġ. 10 – 1 tal-atti
[4] Dok "FB5", f'paġġ. 21 – 2 tal-atti
[5] Dok "FB2", f'paġ. 12 tal-atti
[6] Art. 873(1) tal-Kap 12

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li l-parti rikorrenti turi żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqilha tikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li trid turi hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnha. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[7]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[8];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[9]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal

[7] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[8] Art. 875(3) tal-Kap 12
[9] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li l-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor.  Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[10], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li għal dak li jirrigwarda l-jedd mad-daqqa t'għajn, ir-rikorrenti jqisu li ma għandu jsir xejn li jista' jġib ħsara jew tfixkil lit-tmexxija tan-negozju u jgħidu li l-għan tat-talba tagħhom huwa sewwasew li ma jħallux lill-intimati jagħmlu xi ħaġa li tista' ġġibilhom din il-ħsara;

Tqis li, filwaqt li l-aspirazzjoni tar-rikorrenti hija ta' min ifaħħarha, l-pretensjoni tagħhom għandha titqies fil-qafas tar-rabta kuntrattwali li huma għażlu li joħolqu flimkien mal-intimati, u xejn anqas fil-jeddijiet li l-istess intimati għandhom ukoll bis-saħħa tal-imsemmija rabta;

Tqis li r-rikorrenti ma għandhom l-ebda jedd li jġiegħlu lill-intimati jibqgħu bi sħab magħhom fin-negozju jew fit-tmexxija tiegħu.  Din iċ-ċirkostanza toħroġ mhux biss mir-rieda espressa tal-liġi[11], iżda wkoll minn dak li l-partijiet infushom qablu dwaru meta waqqfu s-soċjeta' ċivili ta' bejniehom;

Tqis li l-intimati għamlu din l-għażla u laħħmuha f'att ġudizzjarju li l-istess rikorrenti laqgħu n-notifika tiegħu bosta ġimgħat qabel ma ressqu din il-proċedura.  Il-liġi tgħid li s-soċjeta' tintemm bid-dikjarazzjoni ta' s-soċju li "ma jridx jissokta fis-soċjeta'" u għalhekk tista' ssir b'mod unilaterali;

[10] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***
[11] Art. 1679(e) tal-Kap 16

Tqis li, safejn it-talba tar-rikorrenti hija maħsuba li żżomm lill-intimati milli jieħdu deċiżjonijiet unilaterali jew arbitrarji, tali jedd ma jikkonsistix filli ġġiegħel lill-istess intimati li jagħmlu xi ħaġa. Huwa aċċettat li r-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni mgħandhiex tintuża bħala arma ta' tehdid jew ġegħil (*arm twisting*) lill-parti intimta li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. Li kieku kellu jingħata tifsira jew tħaddim bħal dan, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hija tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din;

Tqis li, minbarra dan, ir-relazzjoni li teżisti bejn il-partijiet fir-rabta ta' soċjeta' ċivili ma tagħtix lok għal *specific performance*, iżda għal rimedji oħrajn[12]. Wara kollox, il-Mandat ta' inibizzjoni ma jistax ħlief jirrigwarda obbligazzjoni *di non fare*[13];

Tqis li, mbagħad, kif sewwa ssottometta l-għaref difensur tal-intimati, d-deċiżjoni li ma jibqgħux soċji ilha li ttieħdet u dan joħloq fatt kompjut li l-ebda talba għall-ħruġ tal-Mandat ma tista' tibdel;

Tqis li, l-għażla tal-intimati li ma jibqgħux sħab, jitfi kull jedd mad-daqqa ta' għajn li r-rikorrenti seta' kellhom, aktar u aktar li issa t-tmexxija tan-negozju ser tgħaddi f'idejhom biss;

Tqis għalhekk, li ma jirriżultax l-element tal-jedd mad-daqqa ta' għajn u għalhekk it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma tistax tintlaqa';

Tqis li, b'żieda ma' dan, lanqas ma ntwera li hemm il-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat, għaliex l-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan

[12] Ara Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[13] P.A. **23.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Żerafa vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.983)**

tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[14], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għall-kumpens kwantifikabbli u l-ħlas tad-danni[15] meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skond il-liġi;

Tqis li, f'dan il-każ, ir-rikorrenti għandhom rimedji proċedurali oħrajn anqas eċċezzjonali mogħtijin lilhom mil-liġi li bihom il-jeddijiet tagħhom jistgħu jitħarsu fil-konfront ta' xi egħmil rejali jew mistħajjel tal-intimati;

Tqis, għalhekk, li r-rikorrenti ma seħħilhomx juru lill-Qorti li jeżistu l-elementi kostitutivi meħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat minnhom mitlub;

**Tħassar** ***contrario imperio*** **d-degriet** tagħha tal-10 ta' Marzu, 2014, safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod provviżorju; u

***Tordna** li l-intimati jħallsu l-ispejjeż ta' din il-proċedura.

[14] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***

[15] Ara P.A. NC **11.3.2003** fl-Atti tar-Rikors fl-ismijiet ***IWT Group Malta Ltd vs Direttur Ġenerali Kuntratti et***

*Kelma “intimati” tinbidel bil-kelma “rikorrenti”. Korrezzjoni awtorizzata b’degriet tat-30 ta’ Lulju, 2014 a tenur tal-art 825 (1) tal-Kap12.

**Tordna** li r-rikorrenti jħallsu l-ispejjeż ta’ din il-proċedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------